MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 92/2009

**SALVO GRIMA & SONS LIMITED (C-9253)**

**vs**

**Il-BASTIMENT *"CARL C"***

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf imressaq fit-3 ta' Frar, 2009, bil-procedura sommarja specjali, li bih is-socjeta' rikorrenti, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbet li l-Qorti: (1) taqta' u tiddeciedi l-kawza bla smigh ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u (2) tikkundanna lill-bastiment konvenut ihallasha s-somma ta' €13,909.53. flimkien mal-imghax legali, rapprezentanti servizzi minnha provduti lill-istess bastiment u ghall-beneficcju tieghu. Talbet ukoll l-ispejjez;

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jidher meta ssejhet il-kawza, u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ rikorrenti;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi:

1. **Tilqa’ l-ewwel talba attrici** u taqta’ l-kawza minghajr is-smigh;

**2.** **Tilqa’ t-tieni talba attrici,** billi tikkundanna lill-bastiment intimat ihallasha s-somma ta’ tlettax-il elf, disa’ mija u disa’ euro u tlieta u hamsin centezmi (€13,909.53), rapprezentanti l-valur ta’ servizzi minnha moghtija ghall-gid u fuq talba tal-istess bastiment intimat ghaz-zmien bejn Novembru tal-2008 u Dicembru, 2008, bl-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li ghandhom jibdew jghaddu b’effett mis-27 ta’ Frar, 2009, sal-jum tal-hlas effettiv, u tikkundannah ukoll jerfa’ l-ispejjez tal-kawza.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------